

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/57, tal-20 ta' Diċembru 2010, li temenda d-Deċiżjoni 2010/320/UE indirizzata lill-Greċja bil-ħsieb li ssaħħaħ u tapprofondixxi s-sorveljanza fiskali u li tagħti notifika lill-Greċja biex jittieħdu miżuri għat-tnaqqis tad-defiċit meqjusa bħala meħtieġa biex tissewwa l-qagħda ta' żbilanċ eċċessiv (ĠU L 26, p. 15).

**Dispożittiv**

- (1) Ir-rikors huwa miċħud.
- (2) Anotati Dioikisi Enoseon Dimosion Ypallilon (ADEDY), Spyridon Papaspyros u Ilias Iliopoulos għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- (3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbatu l-ispejjeż tagħha.

(<sup>1</sup>) ĠU C 186, 25.6.2011.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Novembru 2012 — ClientEarth et vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-278/11) (<sup>1</sup>)

(*Rikors għal annullament — Aċċess għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Rifjut impliċitu ta' aċċess — Termini għall-preżentata ta' rikors — Tardività — Inammissibbiltà manifesta*)

(2013/C 26/90)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: ClientEarth (Londra, ir-Renju Unit); Friends of the Earth Europe (Amsterdam, l-Olanda); Stichting FERN (Leiden, l-Olanda); u Stichting Corporate Europe Observatory (Amsterdam) (rappreżentant: P. Kirch, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Herrmann u C. ten Dam, aġenti)

**Suġġett**

L-annullament tad-deċiżjoni impliċita tal-Kummissjoni li tfasslet fit-22 ta' April 2011 u li tirrifjuta li tagħti aċċess għal ċerti dokumenti dwar is-sistemi ta' ċertifikazzjoni volontarji intiżi li jiksbu r-rikonoxximent skont l-Artikolu 18 tad-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' April 2009, dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠU L 140, p. 16).

**Dispożittiv**

- (1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.

- (2) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tbatu l-ispejjeż tagħha kif ukoll tliet kwarti tal-ispejjeż ta' ClientEarth, Friends of the Earth Europe, Stichting FERN u Corporate Europe Observatory, li għandhom ibatu l-kwart tal-ispejjeż tagħhom.

(<sup>1</sup>) ĠU C 219, 23.7.2011

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Ottubru 2012 — Ellinika Nafpigeia u Hoern vs il-Kummissjoni**

(Kawża T-466/11) (<sup>1</sup>)

(*"Rikors għal annullament — Għajjnuna mogħtija mill-Istat — Bini ta' vapuri — Għajjnuna mogħtija mill-awtoritajiet Griegi lil tarzna — Miżuri ta' eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara l-inkompatibbiltà tal-għajjnuna u li tordna l-irkupru tagħha — Inammissibbiltà"*)

(2013/C 26/91)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

**Partijiet**

Rikorrenti: Ellinika Nafpigeia AE (Skaramagka, il-Greċja); u 2. Hoern Beteiligungs GmbH (Kiel, il-Ġermanja) (rappreżentanti: K Chrysogonos u A. Mitsis, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Stromsky u M. Konstantinidis, aġenti)

**Suġġett**

Talba għal-annullament tal-ittra tal-Kummissjoni C(2010) 8274 finali, tal-1 ta' Diċembru 2010, dwar l-"għajjnuna mill-Istat CR 16/2004 — eżekuzzjoni tad-deċiżjoni negattiva u rkupru tal-għajjnuna mill-istat mogħtija lill-kumpannija (Ellinika Nafpigeia AE) — invokazzjoni mill-Greċja tal-Artikolu 346(1)(b) TFUE u proċeduri skont l-Artikolu 348(1) TFUE", kif ikkompletata mid-dokumenti u l-provi l-oħrajn tal-fajl kif ħadu konjizzjoni parzjali tagħhom ir-rikorrenti f'Ġunju 2011.

**Dispożittiv**

- (1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- (2) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar it-talba għal intervent ta' Nafpigikes kai viomichanikes epicheiriseis Elefsinas.
- (3) Ellinika Nafpigeia AE u 2. Hoern Beteiligungs GmbH għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.
- (4) Nafpigikes kai viomichanikes epicheiriseis Elefsinas, il-parti li talbet tintervjeni għandha tbatu l-ispejjeż tagħha.

(<sup>1</sup>) ĠU C 331, 12.11.2011.